**Dispożittiv**

*L-Artikolu 10 tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Ottubru 2003, li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-applikazzjoni ta' taxxa fuq id-donazzjonijiet bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn din it-taxxa ma tkunx tosserva l-limitu ta' 10 % ta' allokazzjoni bi ħlas ta' kwoti ta' emissjonijiet previst f'dan l-artikolu, liema fatt għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.*

(1) ĠU C 142, 12.05.2014.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tas-26 ta' Frar 2015 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Corte suprema di cassazione – l-Italja) – Ministero delle Politiche agricole, alimentari e forestali vs Federazione Italiana Consorzi Agrari Soc. coop. arl – Federconsorzi, fi ftehim mal-kredituri, Liquidazione giudiziale dei beni ceduti ai creditori della Federazione Italiana Consorzi Agrari Soc. coop. arl – Federconsorzi**

**(Kawża C-104/14)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — It-tielet paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE — Ġlieda kontra l-ħlas tardiv fit-tranżazzjonijiet kummerċjali — Direttiva 2000/35/KE — Artikoli 2, 3 u 6 — Direttiva 2011/7/UE — Artikoli 2, 7 u 12 — Leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tista' tbiddel, għad-detriment ta' kreditur tal-Istat, l-interessi fuq kreditu li jippreċedi dawn id-direttivi)***

(2015/C 138/26)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Corte suprema di cassazione

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Ministero delle Politiche agricole, alimentari e forestali

*Konvenuti:* Federazione Italiana Consorzi Agrari Soc. coop. arl – Federconsorzi, fi ftehim mal-kredituri, Liquidazione giudiziale dei beni ceduti ai creditori della Federazione Italiana Consorzi Agrari Soc. coop. arl – Federconsorzi

**Dispożittiv**

*It-tielet paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE u l-Artikoli 3(3) u 6 tad-Direttiva 2000/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni [tal-Kunsill], tad-29 ta' Ġunju 2000, dwar il-ġlieda kontra ħlasijiet tard fi transazzjonijiet kummerċjali, kif ukoll l-Artikoli 7 u 12 tad-Direttiva 2011/7/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Frar 2011, dwar il-ġlieda kontra l-ħlas tard fi transazzjonijiet kummerċjali, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux lil Stat Membru, li jkun uża l-possibbiltà prevista fl-Artikolu 6(3)(b) tal-ewwel waħda minn dawn id-direttivi, milli jkun jista', matul il-perijodu għat-traspożizzjoni tat-tieni waħda minn dawn id-direttivi, jadotta dispożizzjonijiet leġiżlattivi, bħal dawk fil-kawża prinċipali, li jistgħu jbiddlu għad-detriment ta' kreditur tal-Istat l-interessi fuq kreditu li jirriżulta mill-eżekuzzjoni ta' kuntratt konkluż qabel it-8 ta' Awwissu 2002.*

(1) ĠU C 184, 16.06.2014.